MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 30/2013

**A B**
**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, C D E u b'digriet tal-25 ta' Frar 2013 l-istess intimata C D E giet nominata kuratrici ad litem sabiex tirraprezenta lill-minuri F G E.**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Permezz tal-kawza odjerna pprezentata fl-4 ta' Frar 2012, l-attur, wara li ppremetta li minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta C D E twieldet il-minuri F G E fl-24 ta' Gunju 2011, talab fl-ewwel lok li din il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 70A (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-konvenuta sabiex taghti l-kunsens taghha halli jsiru l-ezamijiet u t-t-testijiet genetici dwar il-paternita', fuq il-persuna tal-konvenuta u fuq il-persuna tal-minuri imsemmija, u f'kaz li t-test tad-DNA jiccertifika li hu missier

il-minuri, ssir il-korrezzjoni opportuna fl-att tat-twelid tal-minuri u jinghata fost l-ohrajn il-kura u kustodja kongunta kif ukoll access ghall-minuri.

Il-konvenuta proprio et nomine ma pprezentatx risposta u ghalhekk baqghet kontumaci filwaqt li fir-rigward tal-ewwel talba id-Direttur konvenut irrimetta ruhu.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Gunju 2013 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar l-ewwel talba attrici.

Ikkonsidrat;

**L-azzjoni attrici**.

Permezz tal-ewwel talba attrici l-attur qed jinvoka l-**Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

**70A.** *"(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel –*

*(a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;*
*(b) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel;*
*(ċ) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u*
*(d) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel,*

*li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.*

*(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f'effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll*

*meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.”*

Ikkonsidrat;

Ic-certifikat tat-twelid tal-minuri jindika “missier mhux maghruf”. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti jekk jigi identifikat min hu l-missier tal-minuri u jigi indikat fic-certifikat tat-tweild, dan ser ikun vantaggjuz ghall-minuri stante li llum huwa indikat bhala li l-missier mhux maghruf.

Il-konvenuta ma pprezentat l-ebda oggezzjoni ghat-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi,

1. Tinnomina lil Dr Marisa Cassar bhala esperta gudizzjarja sabiex tikkonduci t-testijiet tad-DNA kif ser jigi ordnat aktar ‘l isfel.

2. Taghti lill-konvenuta C D E xahar zmien millum sabiex tipprovdi kampjun (swab) tal-minuri C D E lil Dr Marisa Cassar sabiex isiru it-testijiet tad-DNA.

2. F’kaz li jghaddi inutilment it-terminu moghti, il-Qorti qieghda minn issa tissostitwixxi l-kunsens li ma jkunx inghata u tordna li jittiehed kampjun minn fuq il-minuri C D E bl-assistenza tal-Marixxalli tal-Qorti u jinghata lil Dr Marisa Cassar ghall-finijiet tat-testijiet tad-DNA.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------